

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦALL-GĦAŻLA TA' MEMBRI ESTERNI TAL-KUMMITAT GĦALL-PROGRESS TAL-AWDITJAR (APC – AUDIT PROGRESS COMMITTEE)

(2020/C 182 A/01)

Konsulent Speċjali skont l-Artikolu 5 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea: membru estern tal-Kumitat għall-Progress tal-Awditjar (APC) tal-Kummissjoni Ewropea

I. Min aħna

L-APC jassisti lill-Kulleġġ tal-Kummissarji tal-Kummissjoni Ewropea fit-tweqqif tal-obbligi tagħhom skont it-Trattati u skont strumenti statutorji oħrajn billi jiżgura l-indipendenza tas-Servizz tal-Awditjar Intern (Internal Audit Service, IAS), jissorvelja l-kwalità tal-ħidma tal-awditjar intern u jiżgura li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-awditi kif xieraq, inkluż fir-rigward tal-kontijiet konsolidati tal-Kummissjoni, u li jirċievu segwitu xieraq. L-APC jirrapporta lill-Kulleġġ tal-Kummissarji u jikkontribwixxi għat-titjib ulterjuri ġenerali tal-effettività u l-effiċjenza tal-istituzzjoni biex tikseb l-għanijiet tagħha. Il-Kumitat jikkontribwixxi għas-sorveljanza tal-Kulleġġ tal-governanza, il-ġestjoni tar-riskju u l-prattiki ta' kontroll intern tal-Kummissjoni Ewropea.

L-APC huwa korp ta' sorveljanza u ma għandu l-ebda setgħat ta' ġestjoni. L-APC huwa magħmul mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u membri esterni b'kompetenzi professjonali ppruvati fl-awditjar u kwistjonijiet relatati. Il-Kumitat huwa ppresedut mill-Kummissarju Reynders. Il-Membri Esterni jinħatru formalment skont ir-regoli tal-Kummissjoni għall-Konsulenti Speċjali.

Id-dettalji sħaħ dwar il-mandat tal-APC huma stabbiliti fil-Karta (disponibbli bl-Ingliż, bil-Ġermaniż jew bil-Franċiż):

https://ec.europa.eu/info/departments/internal-audit-service/how-we-work_mt

II. Nipproponu

L-APC qed ifittex li jstabilixxi lista ta' riżerva tal-kandidati biex jirreaġixxi għall-ħtieġa kontinwa tiegħu li jġedded is-sħubija esterna tiegħu u jiżgura firxa wiesgħa u diversa ta' kompetenzi professjonali fl-awditjar u fi kwistjonijiet relatati. Innota li l-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tiggarrantix ir-reklutaġġ.

Il-membri esterni se jiddedikaw madwar 30 sa 50 jum sħaħ fis-sena għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, inklużi madwar 15-il laqgħa fis-sena fi Brussell. Il-membri esterni jinħatru bħala Konsulenti Speċjali skont ir-regoli tal-Kummissjoni u, sakemm ma jkunux eks uffiċjali tal-UE li jirċievu pensjoni tal-irtirar, jitħallsu fuq bażi ta' kuljum kif stabbilit fil-“kundizzjonijiet għall-impjieġ” hawn taħt.

Il-membri esterni jikkontribwixxu għas-sorveljanza tal-ogħla livell ta' organizzazzjoni internazzjonali ewlenija billi jippromwovu titjib ulterjuri tal-effettività u l-effiċjenza tal-Kummissjoni fil-governanza, fil-ġestjoni tar-riskju u fil-prattiki tal-kontroll intern.

Il-membri esterni, bħala esperti rikonoxxuti fil-qasam, jikkontribwixxu u jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet tal-APC, l-aktar billi jassistu fil-grupp preparatorju kif ukoll fil-laqgħat proprji tal-APC fuq il-bażi tal-programm ta' ħidma annwali adottat mill-Kumitat u l-aġendi tal-laqgħat proposti mill-President. L-APC ikollu mill-inqas tliet laqgħat fis-sena, u kull waħda minnhom tkun preċeduta minn diversi laqgħat preparatorji. Id-dokumenti ta' sfond ikunu pprovduti u l-laqgħat isiru bl-Ingliż.

III. X'qed infittxu

Kriterji ta' eliġibbiltà

Sabiex jiġu kkunsidrati għall-fażi tal-għażla, jeħtieġ li l-applikanti jissodifaw il-kriterji formali li ġejjin sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet:

- *Ċittadinanza*: ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;
- *Lawrja jew diploma universitarja*: ikollhom
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar, jew
 - livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, iċċertifikat b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali postuniversitarja meħtieġa hawn taħt);
- *Esperjenza professjonali rilevanti*: ikollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza postuniversitarja miksuba wara l-kisba tal-kwalifiki msemmija hawn fuq, u mill-anqas ħames snin minnhom f'oqsma rilevanti għall-awditjar, il-kontroll intern u/jew il-ġestjoni tar-riskju;
- *Lingwi*: ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' mill-inqas lingwa oħra minnhom;
- *Indipendenza u kunflitt ta' interess*: Huma għandhom ikunu indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom. Ma għandux ikollhom kunflitt ta' interess bejn dmirijiethom bħala membri esperti u kwalunkwe dmir uffiċjali ieħor. Dan ifisser, b'mod partikolari, li l-kandidati ammessi ma jistgħux jiġu impjegati bħala impjegati taċ-ċivil nazzjonali jew tal-UE, u lanqas ma jistgħu jiġu impjegati minn organizzazzjoni li tirċievi finanzjament mill-UE.

Kriterji ta' għażla

Il-kandidati ammessi għal-lista ta' riserva għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-kwalitajiet personali tagħhom u l-kompetenzi estensivi ppruvati tagħhom fl-awditjar u kwistjonijiet relatati.

Kriterji essenzjali:

- Livell għoli ta' kompetenza ppruvata u esperjenza soda fil-qasam tal-awditjar, preferibbilment inkluża esperjenza fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri, organizzazzjonijiet internazzjonali jew korpi nazzjonali tal-awditjar nazzjonali tas-servizz pubbliku u/jew ditti tal-awditjar tas-settur privat;
- Għarfien eċċellenti ta' standards internazzjonali tal-awditjar intern u ta' kontabbiltà għas-settur pubbliku u ta' oqfsa ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tar-riskji;
- Kwalifika professjonali fil-qasam tal-awditjar;
- Integrità, ġudizzju sod u ħilet analitiċi b'saħħithom, li juru kapaċità żviluppata sew għal ħsieb strateġiku u l-abiltà li jeżerċitaw skruttinju kostruttiv fuq il-bażi ta' esperjenza usa';
- Ħilet ta' komunikazzjoni orali u bil-miktub eċċellenti li jippermettu li l-kandidat imexxi diskussjonijiet u jikkontesta l-pożizzjonijiet ta' min qiegħed jiġi awditjat, u jikkomunika b'mod ċar ma' partijiet ikkonċernati interni fil-preparazzjoni tal-grupp preparatorju u tal-laqgħat tal-APC u matulhom.

Kriterji mixtieqa:

- Għarfien profond tal-istituzzjonijiet tal-UE u r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea;
- Għarfien tajjeb ħafna tar-Regolament Finanzjarju tal-UE u tal-istruttura ta' skariku, kif ukoll tar-regoli, tal-governanza u tal-proċeduri tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll ir-responsabbiltajiet u l-operazzjonijiet tagħha.

IV. Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Fit-tweġit tal-kompiti tagħhom, jeħtieġ li l-membri esterni jaġixxu b'mod indipendenti u la jistgħu jfittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni Ewropea jew minn ebda korp ieħor pubbliku jew privat. Qabel ma jibdeu jaqdu dmirijietom, jeħtieġ li jippreżentaw:

- dikjarazzjoni ta' impenn li se jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku,
- dikjarazzjoni li telenka l-attivitajiet l-oħra kollha mwettqa, u
- dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Bl-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jipprovdu dawn id-dikjarazzjonijiet.

V. Termini tal-ħatra

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi lista ta' riżerva u taħtar lill-membri esterni abbażi ta' proċedura tal-għażla. Għal dan l-għan, hija twaqqaf bord tal-għażla li jivvaluta l-applikazzjonijiet kollha.

L-aktar kandidati kwalifikati li huma kkunsidrati li għandhom il-profil l-aktar xieraq jistgħu jissejħu għal intervista. Wara din l-intervista, il-bord tal-għażla jistabbilixxi lista ta' riżerva tal-aktar kandidati kwalifikati, li minnhom il-Kummissjoni Ewropea taħtar membri esterni skont il-ħtiġijiet li jevolvu.

VI. Opportunitajiet indaqs

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċettaw applikazzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini soċjali jew etnika, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjeta, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

VII. Kundizzjonijiet tal-impjeg

Fil-prinċipju, il-membri esterni għandhom terminu massimu ta' erba' snin, li eċċezzjonalment, minħabba raġunijiet ta' kontinwità u fl-interess tal-Kummissjoni, jista' jiġi estiż għal total massimu ta' tmien snin. Dawn jinħatru fuq il-bażi ta' kuntratti bħala Konsulenti Speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea. Il-membri esterni jitħallsu fuq bażi ta' kuljum b'referenza għal AD12, skala 1, salarju bażiku għall-ġranet li jaħdmu. Madankollu, eks uffiċjali tal-UE li jirċievu pensjoni tal-irtirar ma jirċevux remunerazzjoni; ikunu intitolati biss għal rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni.

L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni li jġarrbu l-membri esterni għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni fuq talba bid-dokumenti ta' sostenn skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni. Barra minn hekk, tingħata gratifika għal kull jum biex tkopri spejjeż oħrajn.

VIII. Kif tapplika

Innota li:

Jenħtieġ li l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati fformat elettroniku f'dan l-indirizz: IAS-APC-SECRETARIAT@ec.europa.eu

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, trid tibgħat CV fformat Word jew PDF, u tikteb ittra ta' motivazzjoni bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Għal raġunijiet funzjonali u sabiex il-proċedura tal-għażla titlesta malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll dak tal-istituzzjoni, il-proċedura tal-għażla ssir bl-Ingliż.

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan jintuża biex tinżamm infurmat bl-eżitu tal-proċedura tal-għażla. Jekk jogħġbok informa lill-Kummissjoni Ewropea f'każ li l-indirizz tal-posta elettronika tiegħek jinbidel.

IX. Skadenza

Skadenza għall-applikazzjonijiet: **1-14 ta' Lulju 2020, 12:00 nofsinhar ħin ta' Brussell.**

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li testendi d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għal espressjoni ta' interess billi tippubblikaha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biss.

X. Protezzjoni ta' *data* personali

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li ttiproteġi d-*data* personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tkompli ttipproċessa d-*data* personali skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001). Tista' tintalab stqarrija ta' privatezza minn IAS-APC-SECRETARIAT@ec.europa.eu u tista' titniżżel ukoll mir-Reġistru tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* taħt ir-rekord DPR-EC-00545.2. ⁽¹⁾

⁽¹⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.